**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**

**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

# SENTENZA

Mogħtija llum, il-Ħamis, dsatax (19) ta’ Ġunju 2025

Kawża Nru 13/2023

**Il-Pulizija**
***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***

Vs

**Abduraouf Younis Mansur Altabib**

**Mohamed Omar Mustafa**

## A. <u>Preliminari</u>

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra:

(a) **<u>Abduraouf Younis Mansur Altabib</u>**, iben Younis u Zejna nee' Altabib, imwieled Tripoli, Libja fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 1978, residenti 'Il-Gallarija', Block C, Flat 3, Triq tas-Sruġ, Xagħra, Għawdex, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 58794 (A); u

(b) **<u>Mohamed Omar Mustafa</u>**, iben Mustafa u Quria, imwieled Tripoli, Libya fis-sitta (6) ta' Frar 1980, residenti 'T' Apap Court', Flat 3, Triq Dun Spir Gauci, Munxar, u detentur tal-karta tal-identita' numru 118543 (A);

talli fl-erbatax (14) ta' Mejju 2023, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs) u fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kienu qegħdin f'Misraħ l-Indipendenza, Block A, Flat 1, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Għawdex, u/jew f'dawn il-Gżejjer:

(1) ikkommettew serq ta' *mobile phone* tal-għamla *Redmi* 9A u/jew oġġetti oħra li l-valur tagħhom jaqbeż aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda hu anqas minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-vjolenza u bil-ħin u dan għad-dannu ta' Terence William Zammit u/jew persuni oħra;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tal-imsemmi Terence William Zammit;[2]

[1] Artikoli 261, 262, 267, 269 u 270 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 340(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi heddew jew inġurjaw bi kliem jew b'mod ieħor lil Terence William Zammit;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma' darbu jew sawwtu, heddew bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddbu jew qabbdu armi kontra n-nies.[4]

**<u>Abduraouf Younis Mansur Altabib</u>** waħdu ġie akkużat talli:

(5) għamel reat waqt perjodu ta' *probation* mogħti mill-Qorti ta' Għawdex (Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.) nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 2021, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

(6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi mogħtija nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2020 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Maġistrat Dr J. Mifsud LL.D.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta maż-żewġ akkużati bħala persuni li huma reċidivi b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9.

---

[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Terence Zammit u dan ai termini tal-artikoli 382A u 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' Terence Zammit skont l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata erbatax (14) ta' Awwissu 2024[6] li permezz tagħha huwa bagħat lill-akkużati **Abduraouf Younis Mansur Altabib** u **Mohamed Omar Mustafa** biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(i) l-artikoli 261(a)(ċ)(e)(f), 262, 267, 269(g), 270, 276, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) l-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) l-artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[5] Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta
[6] Fol. 442 et sequitur tal-atti proċesswali.

Fir-rigward ta' **<u>Abduraouf Younis Mansur Altabib</u>** waħdu kif maħsub taħt:

(vi) l-artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-*Probation*, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

(vii) l-artikoli 28B u 28Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U fir-rigward ta' **<u>Abduraouf Younis Mansur Altabib</u>** u **<u>Mohamed Omar Mustafa</u>** taħt dawk li hemm maħsub:

(viii) fl-artikoli 15A, 17, 23, 31, 382, 382A, 383, 384, 385, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2024 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fl-erbatax (14) ta' Awwissu 2024 u f'dik l-istess seduta, l-akkużat Mohamed Omar Mustafa ddikjara li ma kellux oġġezzjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;[7]

Rat li fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Ottubru 2024, l-akkużat Abduraouf Younis Mansur Altabib iddikjara li ma kellux oġġezzjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;[8]

[7] Fol. 445 – 446 tal-atti proċesswali.
[8] Fol. 485 tal-atti proċesswali.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid id-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Rat li l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2023, Terence Zammit irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex flimkien ma' ibnu Jake Zammit li għall-ħabta tat-tlieta u għoxrin ta' filgħodu (03:20hrs) ta' dakinhar stess, Abduraouf Younis Mansur Altabib ħabbat il-bieb tar-residenza tiegħu fi Triq Indipendenza, Xewkija, Għawdex u talbu l-kokaina. Zammit

irrifjuta u ordnalu jitlaq. Madanakollu Altabib imbotta l-bieb u daħal ġewwa, akkumpanjat minn żewġ persuni oħra mhux magħrufa. Skont id-deskrizzjoni mogħtija lill-Pulizija, wieħed mill-aggressuri seta' possibbilment kien Ali Muftah.

Il-kwerelant sostna mal-Pulizija li l-aggressuri kellhom flixkun tal-*whisky* f'idejhom u bdew jhedduh bih u anke talbuh il-flus iżda hu ma kellux flus fuqu. Dak il-ħin, ibnu Jake li kien fl-istess residenza, qam biex jara x'inhu jiġri, u wieħed mill-aggressuri ħa sikkina kbira mill-bank tal-kċina u beda jheddu biha. Dan l-individwu ġie deskritt bħala qasir, ta' karnaġġjon ismar, u x'aktarx hu Libjan. F'dak il-ħin Zammit qal lill-aggressuri li kullma kellu kienu biss tlett (3) grammi kokaina u tahomlhom. Qabel telqu, wieħed minnhom seraq mobile tat-tip Redmi 9A li kien fuq il-mejda tal-kċina.

Il-Pulizija bdew it-tfittxija għall-aggressuri u saret talba biex jinġabru l-filmati mis-sistema' ta' CCTV tal-binja fejn jirrisjedi l-kwerelant. In segwitu għall-investigazzjonijiet li saru, il-Pulizija pproċediet bl-arrest ta' tlett (3) persuni, identifikati bħala Abduraouf Younis Mansur Altabib, Ali Muftah u Mohamed Omar Mustafa. Dan peress li kienu t-tlett (3) persuni suspettati li setgħu kienu involuti f'dan il-każ. Wara aktar investigazzjonijiet, Ali Muftah ġie rilaxxat mill-arrest. Is-Supretendent Bernard Charles Spiteri ta struzzjonijiet wkoll lill-uffiċjali tal-Pulizija sabiex jekk jaraw lil Gammudi Munir Mohammed jinfurmawh immedjatament.

Il-Pulizija eventwalment ressqu b'arrest lil Mohamed Omar Mustafa u Abduraouf Younis Mansur Altabib sabiex iwieġbu għall-akkużi odjerni.

## B. <u>Sinteżi tal-Provi Miġbura</u>

**<u>L-Ispettur (illum Supretendent) Bernard Charles Spiteri</u>**[9] xehed li nhar l-erbatax (14) ta' Mejju għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs), ġie nfurmat b' rapport li Terence Zammit kien għamel. Skont dan ir-rapport, tlett (3) irġiel kienu marru fir-residenza tal-kwerelant fejn talbuh jagħtihom id-droga kokaina, u hu flimkien ma' ibnu spiċċaw mheddha b' żewġ fliexken tal-ħġieġ u sikkina, kif ukoll serqulu *mobile phone* tal-għamla Redmi 9A.

Ix-xhud kompla jgħid li l-kwerelant kien identifika lil Abduraouf Younis Mansur Altabib bħala wieħed mill-aggressuri. Minkejja li l-kwerelant għaraf liż-żewġ persuni l-oħra li kienu ma' Altabib, ma kienx jaf x'isimhom. Fuq bażi tad-deskrizzjoni li ta l-kwerelant lill-Pulizija, ix-xhud spjega li wieħed mis-suspettati seta' kien Muftah Ali, li ġie arrestat mill-Pulizija. Madankollu, Muftah Ali ġie rilaxxat mill-arrest peress li rriżulta li ma kellux rabta mal-każ. Sussegwentament, il-Pulizija nterrogat lil Abduraouf Younis Mansur Altabib wara li dan mar minn jeddu l-Għassa tal-Pulizija u ġie arrestat ukoll Mohamed Omar Mustafa.

Huwa spjega wkoll li nhar l-erbatax (14) ta' Mejju għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu (06:00am) ġie rraportat li kien hemm karozza maħbuta fi Triq ta' Marsalforn, fid-daħla ta' Ta' Mena Estate. Ix-xhud spjega li mill-investigazzjonijiet irriżulta li din il-vettura kienet qed tinstaq minn Mohamed Omar Mustafa u x'aktarx kienet intużat mill-aggressuri biex marru fir-residenza ta' Zammit.

[9] Fol. 35 – 39 tal-proċess.

Ix-xhud kompla jispjega li l-kwerelant kien għaddielu żewġ fliexken tal-ħġieġ li bihom ġie mhedded dakinhar tal-akkadut, u dawn ġew mgħoddija lill-Pulizija tal-Forensika għall-analiżi tal-marki tas-swaba. Il-Pulizija elevat filmat minn sistema' ta' sorveljanza li tinsab mal-binja fejn jirrisjedi l-kwerelant.

Huwa kompla jispjega li waqt l-istqarrijiet tal-akkużati, Altabib ammetta li kien mar għand Terence Zammit sabiex jiġbor xi flus għal xi xogħol li kien għamel lil Zammit, iżda ċaħad li seraq xi *mobile phone* jew ħa xi pakketti tad-droga.

**<u>In kontro-eżami</u>**, ix-xhud ikkonferma li ma ttieħdet l-ebda stqarrija mingħand Terence Zammit b'rabta ma' dan il-każ. Ix-xhud spjega li l-verżjoni ta' Zammit qiegħda fil-*Current Incident Report* u peress li din ingħatat minn jeddu, ma kienx hemm il-ħtieġa li tingħata l-*caution*. Meta ġie mistoqsi jekk bdewx investigazzjonijiet kontra Terence Zammit minħabba d-dikjarazzjoni tiegħu li forna xi droga jew sustanzi illeċiti lill-aggressuri, ix-xhud wieġeb li l-investigazzjonijiet kienu għadhom għaddejjin. Ix-xhud temm li l-akkużati ma nstabux fil-pussess ta' sustanzi illeċiti, u għalhekk ma nħarġux akkużi kontrihom b'rabta ma' dan.

Fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2023, **<u>L-Ispettur (illum Supretendent) Bernard Charles Spiteri</u>**[10] esebixxa vera kopja tas-sentenza deċiża fil-konfront ta' Mohamed Omar Mustafa mill-Maġistrat Dr. Rachael Montebello fl-erbatax (14) ta' Marzu 2019.

[10] Fol. 148 tal-proċess.

**PS 506 Derek Bugeja**[11] spjega li l-involviment tiegħu f'dan il-każ kien fl-arrest ta' Ali Muftah u Mohamed Omar Mustafa, wara li ingħata ordni f'dan is-sens mill-Ispettur (illum Supretendent) Bernard Charles Spiteri. Ali Muftah u Mohamed Omar Mustafa ġew arrestati nhar l-erbatax (14) ta' Mejju fir-residenzi tagħhom wara li ngħataw id-drittijiet legali tagħhom, inkluż id-dritt għall-assistenza medika.

Ix-xhud kompla jgħid li l-Pulizija kienet għadha għaddejja b'investigazzjoni relatata ma' rapport separat ta' inċident tat-traffiku li seħħ f'Marsalforn, u li kien jinvolvi vettura li ħabtet ġo ħajt u li fil-ħin tal-inċident kienet qed tiġi misjuqa minn Mohamed Omar Mustafa. Din il-vettura kienet tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni HBS 498 ta' lewn vjola.

**PS 715 Lucian Gatt**[12] xehed li fl-erbatax (14) ta' Mejju 2023 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' filgħodu (04:30hrs), Terence Zammit flimkien ma' ibnu Jake kienu marru l-Għassa tal-Pulizija biex jirrapportaw każ ta' theddid u serq li kien allegatament seħħ fir-residenza tagħhom. Dan kien allegatament seħħ fis-sigħat bikrin tal-istess lejl, għall-ħabta tat-tlieta u għoxrin ta' filgħodu (03:20hrs).

Ix-xhud spjega li l-kwerelant kien irrapporta li ċertu Mansur Altabib ħabbat il-bieb tar-residenza tiegħu u talbu l-kokaina. Wara li Zammit irrifjuta u ordnalu jitlaq, Altabib daħal bil-forza ġewwa, akkumpanjat minn żewġt irġiel oħra. L-irġiel bdew jheddu lil Zammit bi flixkun tal-*whisky* biex jagħtihom il-flus, iżda hu wieġeb li ma kellux. Ix-xhud kompla jgħid li l-kwerelant kien qallu li ibnu

[11] Fol. 43 – 45 tal-proċess.
[12] Fol. 51 – 54 tal-proċess.

kien rieqed u meta sema' l-istorbju ħareġ minn kamartu, u wieħed mill-irġiel ħa sikkina mill-kċina u ppuntaha lejh. Ix-xhud żied jgħid li l-kwerelant qallu li kien intervjena u lill-aggressuri tahom tlett (3) pakketti kokaina li kellu fil-but u f'dak il-punt l-irġiel telqu. Il-kwerelant kien qallu wkoll li kien insteraqlu *mobile phone* tal-għamla Redmi.

Ix-xhud kompla jispjega li dakinhar li sar ir-rapport mar fuq il-post tal-akkadut u kkonstata li fl-entratura tal-blokk tal-appartamenti kien hemm kamera tas-sigurta'. Huwa ħalla *handover sa*biex jinġabru l-filmati bil-għan li jiġu identifikati ż-żewġt irġiel l-oħra li kienu qed jakkumpanjaw lil Altabib. Ix-xhud spjega li mid-deskrizzjoni li kien tah il-kwerelant, hu identifika lil Altabib u ċertu Ali Muftah.

**<u>In kontro-eżami</u>**, ix-xhud spjega li minn informazzjoni li tah il-kwerelant, wieħed mill-aggressuri kien Altabib. Fir-rigward tat-tieni persuna, ix-xhud iddikjara li skont id-deskrizzjoni mogħtija mill-kwerelant, it-tieni suspettat seta' kien Ali Muftah, iżda hu ma setax jikkonferma dan b'ċertezza.

**<u>Terence Zammit</u>**[13] għażel li jixhed volontarjament wara li ngħata l-*caution.* Huwa spjega li nhar Jum l-Omm għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) ħabbat il-bieb tar-residenza tiegħu u meta fetaħ ra lil Mansur Altabib. Ix-xhud stqarr li lil Altabib kien jafu peress li kien ħadem miegħu fil-passat, u sa ftit żmien qabel kien għandu. Ix-xhud kompla jgħid li hu ħareġ rasu mill-bieb u nnota li Altabib kien akkumpanjat minn żewġt irġiel oħra. Wieħed minnhom aktar tard skopra li kien jismu Munir Gamudi. L-irġiel kellhom żewġt ifliexken tal-JB fil-but tal-jeans. Wieħed mill-aggressuri xejjer il-flixkun, u wara li

[13] Fol. 56 – 62 tal-proċess.

mbotta lill-kwerelant, daħal bil-forza ġewwa r-residenza tiegħu, segwit minn Altabib u l-aggressur l-ieħor.

Ix-xhud spjega li l-irġiel saqsewh jekk għandux drogi u flus. Kompla jgħid li hu kellu *envelope* abjad fil-but li kien fih tlett grammi kokaina u tahomlom. Ix-xhud spjega li din il-kokajina kienet tħalliet lilu ftit qabel minn tfajla li kienet fir-residenza tiegħu.

Huwa kompla jispjega li f'mument minnhom, ibnu ħareġ mill-kamra tiegħu, u wieħed mit-tlett persuni (li pero ma kienx wieħed mill-akkużati odjerni) ħa sikkina kbira minn fuq il-mejda tal-ikel u ppuntaha lejn ibnu Jake. Ix-xhud intervjena biex jipproteġi lil ibnu. Ix-xhud ra wkoll lil Mohamed Omar Mustafa jqalleb u jwaddab l-affarijiet mal-art u jkisser. Ix-xhud kompla jgħid li Munir Gamudi beda jheddu bis-sikkina biex jagħtih l-arloġġ u l-flus. Dwar Mansur, ix-xhud stqarr li hu ma kienx vjolenti u lanqas hedded lilu u lil ibnu. Ix-xhud spjega li l-inċident dam għaddej qisu kwarta sakemm imbagħad it-tlett irġiel telqu.

Hu qal li dak il-ħin mar l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex. Qabel pero kien ċempel l-Emerġenza u rrispondih xi ħadd mill-Belt.

Ix-xhud żied jgħid li dakinhar tal-akkadut, Mohamed Omar Mustafa kien seraqlu il-mobile tal-għamla Redmi A1 ta' kulur iswed u li dan kien xtrah circa mitt ewro (€100).

**<u>In kontro-eżami</u>**, ix-xhud meta ġie mistoqsi jekk ingħatax il-*caution* meta ta' il-verżjoni tiegħu lill-Pulizija, hu wieġeb li jista' jkun.

Fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Ottubru 2023, **Terence Zammit**[14] xehed li huwa kien talab irċevuta mingħand is-sid tal-ħanut minn fejn kien xtara l-*mobile phone* li ġie misruq. Qal pero li s-sid kien għadu ma tahilux. Meta ġie mistoqsi minn hu s-sid tal-ħanut, ix-xhud wieġeb li s-sid jismu Mirco u għandu ħanut li jinsab fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex.

**PC 1155 Nicholas Gatt**[15] xehed li nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2023, hu ngħata struzzjonijiet mill-Ispettur (illum Supretendent) Bernard Charles Spiteri sabiex jiġbor żewġt ifliexken mill-uffiċju tiegħu li kienu intużaw fl-aggressjoni tal-każ in kwistjoni, għall-iskop li jittieħdu l-marki tas-swaba minn fuqhom. Ix-xhud kompla jgħid li fuq wieħed mill-fliexken sab marka waħda tas-swaba u mill-flixkun l-ieħor sab żewġ marki tas-swaba.

Ix-xhud temm jgħid li hu kien ġie mitlub wkoll jiġbor il-filmati mill-kamera tas-sigurta' li kien hemm fuq il-post tal-akkadut. Ix-xhud esebixxa żewġt ifliexken, rapport tal-marki tas-swaba, kif ukoll il-filmat li ġie elevat mill-kamera ta' sigurta'. Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Lulju 2023, PC 1155 Nicholas Gatt ikkjarifika li fir-rapport minnu ippreżentat kien indika s-sena tal-akkadut bħala 2013 mentri fil-verita din kellha tkun 2023.[16]

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' April 2024, **PC 1155 Nicholas Gatt**[17] ippreżenta l-*lifters* li kien fihom l-impronti diġitali li kienu ġew elevati minn fuq il-fliexken tal-JB. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti għaliex dawn il-*lifters* ma kinux ġew

[14] Fol. 231 tal-proċess.
[15] Fol. 71 – 73 tal-proċess.
[16] Fol. 125 – 126 tal-proċess.
[17] Fol. 341 – 344 tal-proċess.

ippreżentati mill-ewwel flimkien mar-rapport, ix-xhud wieġeb li ma kienx konxju li kellu jippreżentahom mar-rapport. Huwa spjega wkoll li bejn iż-żmien li fih ġew elevati l-*lifters* u l-ġurnata li fiha ġew ippreżentati lill-Qorti, dawn kienu qegħdin jinżammu fil-fajl tal-każ fl-uffiċju tal-Forensika.

**In kontro-eżami**, ix-xhud ikkonferma li l-*lifters* li kienu ġew ippreżentati kienu preżervati ġo *envelope,* li ma kienx issiġillat. Meta ġie mistoqsi minn kellu aċċess għal dan il-fajl, ix-xhud wieġeb li hu u uffiċjal tal-Pulizija ieħor kellhom aċċess peress li huma biss għandhom iċ-ċwievet tal-uffiċju fejn inżamm il-fajl. Barra minn hekk, il-kamra ta' fejn jinżammu l-fajls hi ssiġillata.

Rigward il-proċess tekniku involut, ix-xhud spjega li hu kien eleva l-impronti u ħadhom Malta biex jiġu skennjati u analizzati għall-paragun. F'dan il-punt, l-impronti ma baqgħux fil-pussess tiegħu. Wara li tlesta l-proċess tal-paragun, l-impronti reġgħu ġew ritornati lix-xhud u hu poġġihom fil-fajl tal-każ. Meta ġie mistoqsi dwar il-kontroll u l-kustodja tal-impronti waqt li kienu Malta, ix-xhud qal li ma setax jiggarantixxi dawn fejn kienu, għand min kienu u min kellu aċċess għalihom, peress li dan jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Forensika f'Malta. Ix-xhud temm jgħid li l-impronti jkunu ssiġillati f' Malta sakemm joħorġu biex jinħadmu, iżda ma jafx fid-dettall il-proċeduri li jsiru fuqhom u kif jinħadmu.

**Margaret Debattista**,[18] Assistent Reġistratur fil-Qorti ta' Għawdex esebiet ħames (5) sentenzi li ġew deċiżi fil-konfront ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib datati rispettivament tmintax (18) ta' Settembru 2019, tnax (12) ta'

[18] Fol. 96 – 97 tal-proċess.

Marzu 2020, tlettax (13) ta' Settembru 2021, sbatax (17) ta' Diċembru 2019 u tnax (12) ta' Marzu 2020.

Fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Ottubru 2023, **Margaret Debattista**[19] xehdet li s-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Mohamed Omar Mustafa tal-erbatax (14) ta' Marzu 2019 mill-Maġistrat Dr. Rachael Montebello hi definittiva. Ix-xhud ikkonfermat li ma kienx hemm appelli pendenti fil-konfront ta' Mohamed Omar Mustafa u Altabib. Barra minn hekk, ix-xhud xehdet li Altabib għandu tlett (3) multi pendenti li għadhom mhux imħallsa.

Aktar tard fl-istess seduta pero x-xhud iddikjarat li għalkemm hija għamlet r-riċerka dwar multi imħallsa fuq in-numru tal-karta tal-identita 118543(A), irriżulta li l-isem abbinat ma' din il-karta tal-identita ma kienx ta' Mustafa Omar Mohammed iżda ta' xi ħadd ieħor. Hija ma setgħetx issib x'multi għandu abbażi tal-isem biss peress li hemm aktar minn persuna waħda b'dak l-isem.

**Margaret Debattista**[20] reġgħet xehdet fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2024 dwar jekk Mohamed Omar Mustafa kellux sentenzi li jġorru multi magħhom u jekk dawn kinux ġewx imħallsa. Hija spjegat li permezz ta' sentenza tal-erbatax (14) ta' Marzu 2019 deċiża mill-Maġistrat Dr. Rachael Montebello, l-akkużat Mustafa ġie kkundannat sena priġunerija sospiża għal tmintax -il xahar. F'dik is-sentenza ma kienu ġew imposti l-ebda multi. Permezz ta' sentenza oħra tat-tnax (12) ta' Ottubru 2020 deċiża mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud, l-akkużat Mustafa ġie kkundannat

[19] Fol. 229 tal-proċess.
[20] Fol. 447 – 448 tal-proċess.

ammonizzjoni u twissija u ntrabat b'garanzija ta' elfejn ewro (€2,000). Ix-xhud żiedet tgħid li ma kien hemm l-ebda multi imposti permezz ta' din is-sentenza. Permezz ta' sentenza oħra tat-tmienja (8) ta' Ġunju 2023 deċiża mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana, l-akkużat Mustafa ġie kkundannat iħallas multa ta' ħames mitt ewro (€500). Hija spjegat li din il-multa ma kinitx inserita fis-sistema' tal-Qorti u għaldaqstant ma jirriżultax li kienet imħallsa.

**In kontro-eżami**, ix-xhud ikkonfermat li dawn il-verifiki saru tramite' is-sistema' interna tal-Aġenzija tal-Qorti.

**Saviour Farrugia**[21] xehed li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBS 498 tal-għamla Toyota Vitz hi reġistrata fuq Sarah Grace Agius, detentriċi tal-karta' tal-identita' numru 387401 (L) u li kienet residenti ġewwa San Pawl il-Baħar. Il-vettura kienet ilha fuq isimha sa mit-tlettax (13) ta' Settembru 2016.

**Jake Zammit**[22] xehed li f'wieħed mill-Ħdud ta' Mejju għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (03:00am) kien rieqed fir-residenza tiegħu fi Block A, Flat 01, Triq l-Indipendenza, ix-Xewkija. F'mument minnhom hu qam minħabba għajjat u storbju. Meta ħareġ mill-kamra ra tlett (3) persuni jgħajtu ma' missieru u jitolbuh il-flus u l-arloġġ tad-deheb li kellhu f'idu. Ix-xhud kompla jgħid li l-aggressuri kellhom fliexken tal-JB. X'ħin ħareġ mill-kamra, ix-xhud ra lil Altabib mal-bieb, raġel ieħor quddiem missieru, u ieħor miexi madwar id-dar u jmiss l-affarijiet. Ix-xhud spjega li kien jaf li l-aggressuri kienu mir-Rabat, iżda ma kienx jafhom personalment. Ix-xhud għaraf liż-żewġ aggressuri fl-awla u qal li t-tielet raġel ma kienx fl-awla.

[21] Fol. 122 – 123 tal-proċess.
[22] Fol. 129 – 139 tal-proċess.

Zammit spjega li wieħed mill-aggressuri ġie għalih u missieru daħal bejniethom. Wara dan, ix-xhud reġa' daħal fil-kamra tiegħu u pprova jċempel lill-Pulizija, iżda sa ma laħaq għamel dan, l-aggressuri kienu telqu.

Ix-xhud kompla jgħid li Mohamed Omar Mustafa qabad sikkina ta' madwar għoxrin (20) ċentimetru mill-kċina. Ix-xhud qal ukoll li t-terza persuna kellu sikkina u mar għalih. Ix-xhud qal li fil-ħin tal-akkadut ma jafx jekk insteraqx xi ħaġa, pero' ikkonferma li ma weġġa ħadd.

**<u>In kontro-eżami,</u>** ix-xhud ikkonferma li t-tielet aggressur, li ma kienx wieħed mill-akkużati, kellu flixkun tal-JB u sikkina. Meta ġie mistoqsi jikkonferma jekk is-skieken kollha kinux għand it-terza persuna, ix-xhud ċaħad dan. Meta mistoqsi wkoll jekk kienx jaf it-tielet persuna minn kien, hu wieġeb li jafu minn wiċċu għax rah qabel fit-triq, pero' innega li kien jaħdem ma' missieru.

Ix-xhud ikkonferma li hu ma rax l-aggressjoni kollha, iżda ra biss l-biċċa meta kien barra l-kamra tiegħu. Minn dak li ra, ix-xhud ikkonferma li l-aggressuri talbu lill-missieru l-flus u l-arloġġ li kellu f'idejh u missieru ma kien għaddielhom xejn. Ix-xhud iddikjara wkoll li ma kienx jaf jekk ġewx skambjati xi sustanzi dakinhar tal-akkadut għax ma kienx hemm il-ħin kollu. Mistoqsi fuq l-involviment ta' Altabib, ix-xhud kkonferma li dan baqa' ħdejn il-bieb u ma jidhirx li kellu skieken f'idejh jew li għamel xi ħaġa lil missieru.

**<u>Mirco Giannoccaro</u>**,[23] is-sid tal-ħanut Square Tech xehed li Terence Zammit kien xtara mingħandu *mobile* tal-għamla Xiaomi 10 tal-kulur iswed bejn

[23] Fol. 272 – 273 tal-proċess.

Novembru u Diċembru 2022. Giannoccaro kompla jgħid li huwa kien xtara l-istess mobile mill-ħanut li jismu Telecoms, ġewwa San Ġiljan. Meta ġie mistoqsi jekk kellux invoice jew irċevuta ta' dan il-*mobile* li jista' jesebixxi, hu wieġeb li l-irċevuta fiskali kienet ingħatat lil Terence Zammit meta xtara l-*mobile.*

**<u>Jonathan Mizzi</u>**[24] spjega li huwa kien ġie nominat mill-Qorti bħala espert tekniku sabiex joħroġ *stills* minn CCTV footages immarkati bħala dokumenti BCS9 u NG3. Huwa ppreżenta rapport bl-istills maħriġa.

**<u>In kontro-eżami</u>**, ix-xhud ikkonferma li l-uċuħ tal-irġiel li kienu nqabdu mill-kamera ta' sigurta' ma setgħux jiġu identifikati, u għalhekk fir-rapport huwa kien indika biss il-movimenti ta' dawn l-irġiel.

**<u>Joseph Mallia</u>**[25] spjega li huwa kien ġie maħtur bħala espert tal-impronti diġitali minn din il-Qorti. Sabiex jespleta l-inkarigu tiegħu, hu eleva kopja tal-impronti diġitali u l-marki tal-pali ta' idejn Abduraouf Younis Mansur u Mohamed Omar Mustafa. Huwa imbagħad ipproċeda sabiex jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronti diġitali li ġew misjuba u elevati minn fuq il-fliexken li ntużaw fil-ħin tal-akkadut mal-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn l-akkużati.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' April 2024,[26] l-espert Joseph Mallia irtira t-tlett (3) lifters li kienu ġew esebiti aktar kmieni minn PC 1155 Nicholas Gatt. Ix-xhud spjega li kien jidher li l-impronti diġitali ġew żviluppati permezz tal-

[24] Fol. 295 – 296 tal-proċess.
[25] Fol. 330 tal-proċess.
[26] Fol. 345-347 tal-proċess.

*white powder* jew bl-*aluminium powder*, u ġew imtellgħin permezz ta' *lifter* fuq *acetate sheet* trasparenti.

Fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2024,[27]l-espert ippreżenta r-rapport tiegħu li kien jikkonċerna l-eżami komparattiv li huwa għamel bejn l-impronti diġitali elevati mill-Pulizija u l-marki tal-idejn tal-akkużati. L-espert irrileva li l-impronti elevati ma kellhomx biżżejjed punti karatteristiċi sabiex jippermettu li jsir l-eżami komparattiv li huwa kien mitlub li jagħmel. Preċiżament l-impronti elevati kienu neqsin mill-erbatax -il punt karatteristiku u ko-ordinati flimkien, li kienu meħtieġa biex isiru l-eżamijiet komparattivi rikjesti. Konsegwentement, ix-xhud ikkonferma li ma setgħet issir l-ebda identifikazzjoni fis-sens li ma setax jikkonkludi li l-impronti elevati kienu ta' xi ħadd mill-akkużati.

**In kontro-eżami**, meta ġie mistoqsi għaliex l-impronti ma kellhomx il-punti meħtieġa, ix-xhud spjega li dan jista' jkun attribwibbli għal diversi fatturi, fosthom nuqqas ta' għaraq mill-persuna li ħalliet l-impronta li jaffettwa t-twaħħil tal-*powder*, ċaqliq fil-marka tas-swaba li jwassal biex l-impronta tkun imċaqalqa jew imżellġa, jew għax il-flixkun kien imxarrab u għalhekk iwaqqaf il-formazzjoni ċara tal-impronta.

Xhieda oħra li xehdu f'dawn il-proċeduri fosthom **Georgina Gauci**,[28] **Leontine Refalo**,[29] **John Camilleri**,[30] u **Angelo Parnis**[31] xehdu in konnessjoni mat-talbiet

[27] Fol. 356-357 tal-proċess.
[28] Fol. 223 u fol. 402- 404 tal-proċess.
[29] Fol. 396 - 397 tal-proċess.
[30] Fol. 398 – 399 tal-proċess.
[31] Fol. 400 – 401 tal-proċess.

għall-ħelsien mill-arrest li saru mill-akkużati u għalhekk ix-xhieda tagħhom mhijiex rilevanti għall-mertu tal-każ.

## C. Kunsiderazzjonijiet dwar l-Imputazzjonijiet

Qabel ma tidħol fil-mertu tal-imputazzjonijiet speċifiċi elenkati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju, din il-Qorti sejra tibda biex tindirizza żewġ punti kardinali li ġew sollevati mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha:

(a) il-kwistjoni tal-veraċita' u kredibbilita' tal-parte civile; u
(b) l-fatt li skont id-difiża hemm dubbju dwar l-identifikazzjoni tal-akkużati bħala l-aggressuri.

Id-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha tipprova tiskredita lill-parte civile billi ssostni li l-verżjoni tiegħu kienet inkonsistenti u f'xi waqtiet anke kontradittorja. L-argument tad-difiża huwa msejjes fuq il-fatt li fil-ġurnata tal-erbatax (14) ta' Mejju 2023, il-kwerelant ammetta li għadda l-kokaina lill-akkużati u lil terza persuna li kienet qed takkumpanjahom. Fil-fehma tad-difiża, dan id-dettal jitfa' dawl xejn sabiħ fuq il-karattru tal-kwerelant u huwa biżżejjed biex iqajjem dubji dwar kemm il-parte civile jista' jitqies li huwa persuna affidabbli.

Barra minn hekk, id-difiża tissottometti wkoll li l-għan prinċipali tal-kwerelant f'dawn il-proċeduri kien immirat biss sabiex l-akkużati ma jkunux ta' xkiel għalih u abbuża mis-sistema' legali. Id-difiża tgħid li hekk kif dan il-pjan twettaq għaliex in segwitu għal dan ir-rapport l-akkużati nżammu taħt arrest

preventiv, il-kwerelant tilef l-interess f'din il-kawża. Id-difiża tkompli tgħid li dan in-nuqqas ta' interess fil-kawża kien anke' evidenti fil-fatt li l-kwerelant lanqas ftakar id-data tal-akkadut.

B'riferenza għal dak sollevat mid-difiża l-Qorti tibda biex tirrileva s-segwenti:

(a) id-difiża mhix korretta fl-allegazzjoni tagħha li l-kwerelant ma ftakarx id-data ta' meta seħħ il-każ. Fix-xhieda mogħtija minnu fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2023, il-kwerelant kien indika li l-akkadut kien seħħ f'Jum l-Omm, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30hrs). Huwa fatt ben magħruf li Jum l-Omm jiġi iċċelebrat kull tieni Ħadd ta' Mejju u tieni Ħadd ta' Mejju kien propju l-erbatax (14) ta' Mejju 2023;

(b) għar-rigward il-kwistjoni tal-kredibbilita tal-parte civile, il-Qorti eżaminat fid-dettal ix-xhieda li ingħatat mill-kwerelant kif wkoll il-kontenut tar-rapport li huwa kien għamel oriġinarjament mal-Pulizija. Minn eżami tax-xhieda u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(i) fir-rapport inizjali l-kwerelant mill-ewwel iddikjara li hekk kif fetaħ il-bieb huwa kien sab lill-akkużat Altabib li miegħu kellu żewġt irġiel oħra u dan kien talbu għandux droga kokajina. Aktar tard fl-istess rapport, il-kwerelant jistqarr li intalab wkoll xi flus. Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-kwerelant sostna li dak il-ħin hekk kif fetaħ il-bieb huwa kien intalab mhux biss id-droga iżda wkoll il-flus. Fl-istess xhieda huwa daħal wkoll f'aktar dettal dwar dak li kien seħħ. Il-fatt pero li l-verżjoni mogħtija mill-kwerelant lill-Qorti tinkludi aktar dettal u l-kwerelant

anke' jsemmi b'mod konvinċenti l-ismijiet tal-aggressuri m'għandhiex titqies bħala xi indikazzjoni ta' fabbrikazzjoni jew ta' inkonsistenza serja fix-xhieda tal-kwerelant sewwasew kif tipprova tpittirha d-difiża. Il-kwerelant espanda biss fuq il-fatti li kienu seħħew; il-ġist ta' dak li xehed kollu jinsab fir-rapport tal-Pulizija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li hu importanti li tagħmel riferenza għat-testimonjanza ta' PS 715 Lucian Gatt li kien il-persuna li tkellem mal-kwerelant u daħħal ir-rapport oriġinali fis-sistema' tal-Pulizija fejn spjega li:

> *"Xi ħadd kien ħabbatlu fuq il-bieb u x'ħin mar jiftaħ kien sab lil ċertu Mansur Altabib. Dan kien talbu xi kokaina fejn Terence Zammit kien qallu biex jitlaq 'l hemm. Xħin sema hekk Altabib kien imbottalu l-bieb 'l ġewwa u miegħu kien hemm tnejn oħra. Dawn bdew jgħodduh, hawn jhedduh b'xi flixkun tal-whiskey biex jagħtuh il-flus li għandu u qalilhom li ma kellux flus... Hu qalilhom li ma kellux flus fuqu"*.[32]

(ii) fix-xhieda tiegħu l-kwerelant identifika bil-preċiż minn mit-tlett irġiel għamel xiex. Jispjega eżattament minn minnhom kien hedded lil ibnu bis-sikkina (u anke eskluda liż-żewġ akkużati li kienu huma li heddew lil ibnu bis-sikkina) u speċifika li kien l-akkużat Mustafa Omar li kien ħadlu l-mobile. Speċifika wkoll li l-akkużat Altabib ma kien għamillu xejn ħlief li daħal fir-residenza tiegħu;

(iii) id-deposizzjoni tal-parte civile issib korraborazzjoni f'dak li xehed ibnu Jake Zammit. Dan tal-aħħar jikkonferma kif huwa kien qam minħabba

[32] Fol. 51 tal-proċess.

storbju li sema' u x'ħin ħareġ mill-kamra sab tlett (3) irġiel li kellhom fliexken tal-whisky tal-JB u anke tnejn minnhom għamlu użu minn sikkina. Jake Zammit ikkonferma wkoll kif huwa stess ipprova jitlob l-assistenza tal-Pulizija dak il-ħin;

(iv) għalkemm seta' ġab il-ġebla fuq saqajh,[33] il-kwerelant ma iddejjaq xejn jistqarr mal-Pulizija li huwa kien ġie mitlub il-kokajina mill-persuni li kienu marru għandu d-dar u li effettivament huwa għadda t-tlett (3) grammi kokajina li huwa kellu lil dawn it-tlett irġiel. Il-kwerelant ma ħebiex dan il-fatt u mill-ewwel indikah lill-Pulizija meta għamel ir-rapport tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti dan mhux idgħajjef iżda jsaħħaħ il-kredibbilita tar-rapport magħmul mill-kwerelant għaliex juri kif il-kwerelant ma qagħadx jagħżel dak li jgħid u ma jgħidx iżda qabad u qal dak kollu li kien effettivament seħħ. Din il-Qorti mhux imsejħa biex tagħmel xi analiżi tal-karattru tal-kwerelant fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Lanqas ma tista' tiskarta dak li qal l-istess kwerelant għax possibilment huwa familjari sew mal-għatba tal-Qorti. Dak li trid tevalwa l-Qorti huwa jekk dak li l-kwerelant jgħid li seħħ huwiex minnu jew le u jistax jwassal għal sejbien ta' ħtija u fil-konfront ta' minn.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li da parti tal-kwerelant hemm konsistenza u koerenza fil-punti kruċjali dwar kif seħħ l-inċident. L-istess kwerelant wera rieda li jżomm mal-verita u ma jnaqqas u jżid xejn ma' dak li seħħ, minkejja li seta' poġġa lilu f'posizzjoni kompromessa u

[33] Il-Qorti tinnota wkoll li f'dan ir-rigward il-kapitolu lanqas huwa magħluq peress li skont kif xehed l-Ispettur, illum Supretendent, Bernard Charles Spiteri, l-investigazzjonijiet b'rabta ma' dan il-każ kienu għadhom għaddejjin. Ara xhieda a fol. 38 u 39 tal-proċess.

potenzjalment inkriminanti. Għalhekk, il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tiskarta x-xhieda tiegħu.

Id-difiża tipprova wkoll tqajjem dubji dwar in-nuqqas ta' identifikazzjoni ċara tal-akkużati bħala l-awturi tal-aggressjoni u tas-serqa tal-mobile. Targumenta li m'hemmx provi suffiċjenti fl-atti li juru li l-akkużati effettivament kienu preżenti fir-residenza tal-kwerelant fil-ħin tal-akkadut. Din il-Qorti pero ma taqbilx. L-istqarrija tal-akkużat Altabib flimkien mad-deposizzjoni mogħtija mill-kwerelant u korrobarata mix-xhieda ta' ibnu Jake Zammit ma jħallux dubju dwar dak li verament seħħ u min kien verament preżenti fir-residenza tal-kwerelant dakinhar tal-akkadut.

Terence Zammit u ibnu Jake Zammit jikkonfermaw kif tlieta kienu l-irġiel li daħlu fir-residenza tagħhom. Il-kwerelant u ibnu identifikaw lil Abduraouf Younis Mansur Altabib u lil Mohamed Omar Mustafa bħala tnejn mit-tlett aggressuri u waqt ix-xhieda tagħhom speċifikaw wkoll min għamel xiex. Altabib fl-istqarrija li huwa irrilaxxa lill-Pulizija jikkonferma bħala fatt li hu dakinhar kien mar fir-residenza ta' Zammit:

> *"R: Dal-lejl kont Marsalforn fejn Popeye u għall-ħabta ta' 1.30a.m. ċemplitlu* [lil Terence Zammit] *biex imur niġbor il-flus. Jien ċemplitlu minn fuq mobile ta' wieħed Mohamed għax l-mobile tiegħi ma jweġbux. X'ħin wieġbu għidtlu ħa niġi għall-flus u qalli ejja waħdek. Wara siegħa mort għalihom u miegħi ġie Mohamed u ieħor jismu Munir.*

*Xħin morna aħna sibna r-rixtellu miftuħ u dħalna. X'ħin qrobna lejn il-bieb fetaħ hu waħdu. Hu qalli waħdek u jien għidtlu għandi l-oħrajn. Hu qalli biex nidħol u jien tlabtu l-flus. Hu beda jgħidli li ma' għandix flus tiegħu. Hu offrieli nisa u d-droga. Jien bqajt nitolbu l-flus u baqa' jgħidli l-istess. Imbagħad kellu envelope abjad u tah lil wieħed jismu Munir u tlaqna l-barra. Dan l-envelope xi kien fih ma nistax ngħid imma naħseb li kienet xi droga. Flus ma kienx fih żgur"*[34]

Il-Qorti tikkjarifika li hija qiegħda toqgħod fuq l-istqarrija ta' Altabib in kwantu biss huwa jammetti li huwa personali kien mar fir-residenza tal-kwerelant. Qed tinjora kompletament dak li seta' stqarr l-istess Altabib għar-rigward il-persuni l-oħra li kienu miegħu inkluż wkoll il-ko-akkużat l-ieħor f'dawn il-proċeduri. Dan in vista tar-regola li dak li jistqarr ko-akkużat la jista' jimmillita favur u lanqas kontra ko-akkużati oħra. Għar-rigward minn effettivament daħal fir-residenza fil-lejl tal-erbatax (14) ta' Mejju 2023, il-Qorti sejra toqgħd biss fuq l-identifikazzjoni li saret mill-kwerelant u ibnu waqt li kienu qegħdin jixhdu quddiem din il-Qorti.

Fir-rigward tal-involviment individwali ta' kull wieħed mill-aggressuri, mix-xhieda tal-kwerelant jirriżulta li Altabib ma kellu l-ebda involviment fis-serq tal-mobile u lanqas ma hedded lil ħadd. Sempliċiment kien preżenti fuq il-post. Jake Zammit jikkonferma wkoll kif Altabib jidher li ma kellu l-ebda involviment fil-każ; sempliċiment kien qiegħed mal-bieb. L-unika ħaġa li irriżulta li għamel Altabib kien li daħal fir-residenza

[34] Ara t-tieni paġna tal-istqarrija, a fol. 26 tal-proċess.

tal-kwerelant meta dan kien qal lilu u li dawk li kellu miegħu speċifikament biex ma jidħlux fir-residenza tiegħu.

Fir-rigward ta' Mohamed Omar Mustafa, il-kwerelant u ibnu kkonfermaw li dan qagħad iqalleb fl-affarijiet li kien hemm ġewwa r-residenza tagħhom. Terence Zammit ikkonferma wkoll li Omar kien anke seraqlu l-mobile. L-unika punt li l-Qorti mhux konvinta dwaru huwa jekk Mohamed Mustafa Omar għamilx użu minn xi sikkina jew le. Terence Zammit jistqarr li s-sikkina kien qabadha biss ċertu Munir Gamudi, li ma kienx akkużat f'dawn il-proċeduri filwaqt li Jake Zammit jistqarr li kemm Omar u anke l-persuna li ma ġietx akkużat kellhom sikkina. Li hu żgur pero huwa li kemm mix-xhieda ta' Terence Zammit u anke mix-xhieda ta' Jake Zammit, Mustafa Omar għamel użu minn minn flixkun tal-JB.

Għalkemm mill-istills ma kienx possibbli li jiġu identifikati b'mod ċar l-aggressuri, il-Qorti m'għandhiex dubju li l-persuni li jidhru fil-filmati kienu l-akkużati u ħadd aktar. Dan jsib konferma fis-segwenti fatti:

(a) ix-xhieda tal-kwerelant u ibnu li identifikaw lill-akkużati bħala tnejn mit-tlett persuni li daħlu fir-residenza tagħhom. Dan waqt li kienu qed jixhdu dwar dak li seħħ fl-istess residenza tagħhom;

(b) il-ħin indikat fil-filmati ta' x'ħin dehru l-irġiel deħlin huwa qrib il-ħin li l-kwerelant kien indika li seħħ il-każ;

(c) tnejn mit-tlett (3) irġiel li daħlu fil-blokka fejn jirrisjedi l-kwerelant daħlu magħhom fliexken tax-xorb. Il-kwerelant jikkonferma kif fil-mument li huwa fetaħ il-bieb u induna li apparti Altabib kien hemm wkoll l-akkużat Mustafa Omar u Munir Gamudi (li pero mhuwiex akkużat f'dawn il-proċeduri), l-istess Omar u Gamudi kellhom fliexken tax-xorb f'idejhom. Anke Jake Zammit jikkonferma kif x'ħin ħareġ mill-kamra innotta kif tnejn mill-irġiel kellhom fliexken tal-JB f'idejhom. Il-persuni li jidhru fil-filmat jidhru jaqbdu l-fliexken tax-xorb li kienu fuq ċinta qabel il-gate ta' barra.

Il-Qorti għalhekk ma tqisx li l-fatt li l-kwerelant ma identifikax lill-persuni li daħlu għandu minn fuq il-filmati esebiti huwa fatali għall-każ tal-Prosekuzzjoni. Apparti li l-uċuh fuq il-filmati mhumiex daqstant ċari, kif ġia rilevat il-kwerelant u ibnu identifikaw lill-akkużati x'ħin dawn kienu fir-residenza tagħhom. Dan hekk kif indikaw bl-aktar mod ċar fix-xhieda mogħtija minnhom.

Il-Qorti lanqas ma tqis li hemm xi problema bl-ammissibbilita tal-filmat bħala prova. Dan għaliex mix-xhieda ta' PC 1155 Nicholas Gatt huwa ċar kif id-download ta' dan il-filmat għamlu hu personali. Fir-rapport tiegħu PC 1155 jispjega li: *"nhar 15 ta' Mejju 2023 l-esponent ħa ħsieb jieħu kopja ta' CCTV ta' barra ta' "Misraħ l-Indipendenza, Block A, FL01, Triq l-Indipendenza, Xewkija". Il-ħin miġbur huwa minn 14/05/2023 02:30hrs sa 03:30hrs. Dan il-filmat ġie impoġġi f'DVDs u ġie dokumentat skont il-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku bħala 23G ABN*

*CCTV 101."*[35] PC 1155 ippreżenta dan il-filmat mar-rapport tiegħu u l-espert Mizzi ħadem propju fuq ic-CD esebit mill-istess PC 1155 Gatt.

Finalment il-fatt li sa issa għadhom ma itteħdux passi kriminali fil-konfront tat-tielet aggressur u ċioe Gammudi Munir Mohammed, ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita' tal-akkużati jekk jirriżulta li kellhom involviment fir-reati akkużati. Għalhekk in-nuqqas ta' akkużi fil-konfront tat-tielet aggressur ma għandux jiġi nterpretat bħala ostakolu għall-evalwazzjoni tal-involviment taż-żewġ akkużati fil-każ odjern.

Il-Qorti tfakkar li skont il-prinċipji fundamentali tal-liġi kriminali, il-piż tal-prova dejjem jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni, li trid tipprova lil hinn minn kull dubbju raġonevoli l-involviment kriminali tal-akkużati. Għalhekk, il-Qorti trid tħares lejn l-elementi kollha li jikkostitwixxu kull imputazzjoni, u tevalwa jekk abbażi tal-provi prodotti l-elementi tar-reati jistgħux jingħad li ġew ippruvati. Dan huwa dak li se tagħmel il-Qorti issa.

Ikkunsidrat;

## I. Ir-Reati taħt l-Artikoli 261(a)(ċ)(e)(f), 262, 267, 269(g), 270, 276, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9

Dawn l-artikoli qegħdin jirreferu għall-ewwel imputazzjoni u ċioe dik ta' serq ikkwalifikat: l-akkużati jinsabu akkużati li fl-erbatax (14) ta' Mejju 2023 ikkomettew serq ta' *mobile phone* tal-għamla Redmi A1 għad-dannu ta'

[35] Fol. 75 tal-proċess.

Terence Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, bil-lok u bil-ħin.

Mid-deposizzjoni ta' Terence Zammit, għandu jiġi eskluż li Altabib kellu xi sehem jew xi involviment ieħor f'dan is-serq. Zammit identifika li kien Omar li kien ħa l-mobile tiegħu. Il-Qorti tqis li dak li sostna Terence Zammit huwa minnu, anke għaliex mix-xhieda ta' Terence u Jake Zammit jirriżulta li kien Omar u ħadd aktar li daħal iqalleb fl-affarijiet li kien hemm fir-residenza ta' Terence Zammit. Rigward l-aggravanti tar-reat ta' serq jingħad li:

(a) Il-kwalifika tal-valur ma tirriżultax peress li mhux biss ma inġabitx prova tal-mobile misruq iżda talli l-istess Terence Zammit jistqarr li l-valur tal-mobile kien mitt ewro (€ 100);

(b) Il-kwalifika tal-vjolenza tirriżulta peress li Omar kien qiegħed ma' tnejn min-nies oħra. Huwa ċar wkoll kif Omar kellu fil-pussess tiegħu flixkun tax-xorb li potenzjalment seta' intuża bħala arma;

(c) Il-kwalifika tal-lok u l-ħin jirriżultaw wkoll għaliex is-serq sar minn dar ta' abitazzjoni u sar wara matul il-ħinijiet tal-lejl.

Għalhekk il-Qorti sejra tillibera lil Altabib mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li sejra issib ħtija għal din l-imputazzjoni f'Mustafa Omar bl-eċċezzjoni pero li mhux sejra issibu ħati li s-serq kien kwalifikat bil-valur.

## II. <u>Ir-Reat taħt l-Artikolu 340(d) tal-Kap. 9</u>

Dan l-artikolu jirreferi għat-tieni imputazzjoni fejn qiegħed jiġi allegat li l-akkużati wettqu vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' Terence Zammit. B'riferenza għal dan l-artikolu, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Vella**,[36] il-Qorti osservat li:

> *'il-ħsara ravviżata fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 340 mhix sempliċiment ħsara kwantifikabbli fi flus, bħalma hu, per eżempju, il-każ tal-ħsara kaġunata bis-serq (Art. 267, 279, 285, u 334(a) Kap. 9), jew tal-ħsara konsegwenti għal reati ta' frodi (Art. 310) jew għar-reat ta' ħsara volontarja fi proprjeta` mobbli jew immobbli (Art. 325). Il-ħsara kontemplata fl-Artikolu 340(d) tavvera ruħha kull darba li, bil-vjolazzjoni tal-proprjeta` li tkun saret, is-sid jew id-detentur ta' dik il-proprjeta` jkun sofra xi preġudizzju anke jekk mhux kwantifikabbli fi flus jew li ma jkunx jikkonsisti fi ħsara materjali. In fatti f'dan is-sens hija aktar korretta l-espressjoni wżata fit-test Ingliż tad-dispożizzjoni in diżamina – "…to the prejudice of the owner or holder thereof…". Hekk, per eżempju, ġie ritenut li anke is-sempliċi skomodu li wieħed irid joqgħod ineħħi karta mwaħħla fuq il-windscreen ta' vettura qabel ma jkun jista' jibda jsuqha jammonta għall-ħsara ravviżata fl-Artikolu 340(d) (Il-Pulizija v. Gianni Nicola Cassar, Qorti Kriminali, 1/3/1958 – f'dan il-każ il-vjolazzjoni kontra l-proprjeta` kienet tikkonsisti fis-sempliċi manumissjoni tal-vettura biex titwaħħal il-karta)."*

[36] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Jannar 2003

Barra minn hekk fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Franco Zammit</u>**,[37] saret referenza għas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Galea</u>**, fejn il-Qorti osservat li:

> *"Il-kontravvenzjoni hemm indikata u ċioe' dik kontemplata fl-artikolu 340 (d) ma tkoprix eventwalita' bħal din fejn konjuġi proprjetarju jimpedixxi l-aċċess tal-konjuġi l-ieħor fid-dar taż-żwieġ iżda fattispeċie oħra* ***<u>li normalment ikunu jikkonsistu filli wieħed jidħol fil-proprjeta' ta' ħaddieħor bla permess u b'hekk jinvadi l-privatezza ta' dak li jkun</u>****."*
> (Enfażi tal-Qorti)

Huwa propju dan li għamlu l-akkużati f'dan il-każ: flimkien ma' terza persuna, **<u>huma deliberament u kontra r-rieda tal-kwerelant</u>**, daħlu fir-residenza tiegħu. Infatti huwa ċar li l-kwerelant ma ridhomx jidħlu fir-residenza tiegħu; anzi qalilhom jitilqu. Madanakollu huma għażlu li jidħlu fl-istess residenza kontra l-volonta tal-istess kwerelant billi bil-forza imbuttaw il-bieb tar-residenza tiegħu u baqgħu deħlin.[38] Din l-azzjoni tikkostitwixxi intrużjoni mhux awtorizzata u vjolazzjoni manifesta tal-privatezza tal-kwerelant. Kif ġia ġie senjalat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita dak li xehed il-kwerelant. Ma jidhirx li kien Altabib li imbotta l-bieb. Dan jidher li sar jew minn Mohammed Mustafa Omar u/jew Gamudi. Altabib sempliċiment daħal warajhom u baqa' fejn il-bieb. Dan pero ma jiskolpax lil Altabib mir-

---

[37] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgħa (4) ta' Frar 2020.
[38] Fol. 57 tal-proċess.

responsabbilita kriminali; huwa xorta daħal fir-residenza ta' Zammit meta l-istess Zammit kien għamilha ċara miegħu u ma' sħabu li ma ridhomx jidħlu. Għalhekk il-Qorti sejra issib ħtija għal din l-akkuża fiż-żewġ akkużati.

## III. <u>Ir-Reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 (It-Tielet Imputazzjoni)</u>

Fit-tielet imputazzjoni – u ċioe l-imputazzjoni li għaliha jirreferi dan l-artikolu ikkwotat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju – il-Prosekuzzjoni qed issostni li l-akkużati insulentaw, heddew jew inġurjaw bi kliem lill-parte civile bi ksur tal-artikolu 339(1)(e). Mir-rapport oriġinali u mix-xhieda tal-kwerelant u ibnu, pero ma rriżultax li l-akkużati f'xi ħin indirizzaw xi kliem dispreġjattiv jew kliem ta' theddid fil-konfront tal-kwerelant. Għalhekk il-Qorti ma temminx li tista' ssib ħtija fl-akkużati għal din l-imputazzjoni u per konsegwenza sejra tilliberahom minnha.

## IV. <u>Ir-Reat taħt l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9 (Ir-Raba' Imputazzjoni)</u>

Ir-raba' imputazzjoni hija dik ravviżata fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi li persuna tkun ħatja ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna jekk mingħajr ma tidrob jew isawwat, thedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew twaddabhom, jew taqbad armi oħra kontra n-nies. Għar-rigward Altabib għandha tiġi eskluża xi responsabbilita kriminali f'dan is-sens. Dan għaliex kemm il-kwerelant kif wkoll ibnu sostnew li Altabib la kellu fliexken u lanqas skieken f'idu. Hu sempliċiment daħal ġewwa fid-dar tar-residenza ta' Zammit u qagħad fejn il-bieb.

Għar-rigward iż-żewġt irġiel l-oħra jingħad li għalkemm mill-istess xhieda tal-kwerelant u ibnu irriżulta li dawn kellhom fil-pussess tagħhom fliexken tal-JB, mhuwiex ċar għall-Qorti jekk effettivament kienx l-akkużat Mustafa Omar jew inkella r-raġel l-ieħor li mhux akkużat f'dawn il-proċeduri li xejjer il-flixkun qabel ma daħal fir-residenza ta' Zammit. Ix-xhieda tal-parte civile u ibnu f'dan ir-rigward mhix ċara. Lanqas m'hemm qbil fuq il-fatt jekk tul dan l-inċident Mustafa Omar għamilx użu minn sikkina jew le. Għalkemm Jake Zammit jindika li Omar kellu sikkina f'idejh, Terence Zammit fl-ebda ħin ma jsemmi li Omar kellu xi sikkina f'idejh. Jispeċifika li kien biss Gamudi li kellu din is-sikkina u li xejjirha fid-direzzjoni ta' Jake Zammit tant li l-istess kwerelant kellu jintervjeni biex jevita ħsara lil ibnu. Għalhekk in kwantu jirrigwarda l-akkużati odjerni fil-fehma tal-Qorti din l-akkuża lanqas ma tista' tirriżulta.

## V. L-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 (Ir-Riċediva)

L-akkużati ġew wkoll mixlija li huma riċedivi. Il-Qorti għalhekk trid tara jekk abbażi tal-provi li ġew prodotti, il-Qorti tistax tittratta mal-akkużati bħala riċedivi.

Fir-rigward tal-akkużat Abduraouf Younis Mansur Altabib, jirriżulta li huwa kellu s-segwenti kundanni:

(i) sentenza mogħtija fit-tmintax (18) ta' Settembru 2019[39] fejn Altabib tqiegħed taħt ordni ta' probation għall-sena;

[39] Fol. 98 – 105 tal-proċess.

(ii) sentenza mogħtija fit-tnax (12) ta’ Marzu 2020,[40] fejn Altabib ġie ikkundannat sentejn priġunerija, sospiżi għal erba’ snin. L-akkużat tqiegħed ukoll taħt Ordni ta’ Trattament minħabba l-vizzju tal-alkoħol li kellu u dan għall-perjodu ta’ tlett (3) snin;

(iii) sentenza mogħtija fit-tlettax (13) ta’ Settembru 2021[41] fejn Altabib ġie mogħti probation għall-perijodu ta’ sentejn u t-terminu tas-sentenzi sospiżi li kien ġie impost preċedentement ġie estiż b’erba’ (4) snin mid-data tas-sentenza;

(iv) sentenza mogħtija fis-sbatax (17) ta’ Diċembru 2019[42] fejn Altabib ingħata ċanfira u twiddiba;

(v) sentenza mogħtija fit-tnax (12) ta’ Marzu 2020[43] fejn Altabib ġie kundannat għal tmintax (18) -il xahar priġunerija sospiżi għall-erba’ (4) snin u multa ta’ erbat elef u disa’ mitt ewro (€ 4,900);

Il-konnotati f’dawn is-sentenzi huma identiċi bħal dawk tal-akkużat odjern. Apparti minn hekk ġie konfermat wkoll li dawn is-sentenzi huma finali u ma sarux appelli minnhom.

L-addebitu tar-riċediva ma jistax jingħad li jirriżulta fil-konfront tal-akkużat Altabib peress li huwa sejjer jinstab ħati biss tar-reat kontravvenzjonali stabbilit fl-artikolu 340(d) tal-Kap. 9. Biex jkun hemm l-addebitu tar-

[40] Fol. 106 – 111 tal-proċess.
[41] Fol. 112 – 115 tal-proċess.
[42] Fol. 116 – 117 tal-proċess.
[43] Fol. 118 – 121 tal-proċess.

riċediva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9, il-ħati irid jkun għamel **<u>delitt ieħor</u>** u mhux sempliċi reat kontravvenzjonali. Il-Qorti lanqas ma tista tikkunsidra jekk jistax jingħad li kien hemm ir-riċediva kontemplata fl-artikolu 53 tal-Kap. 9 peress li dan l-artikolu ma ġiex ikkwotat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju.

Fir-rigward tal-akkużat Mohamed Omar Mustafa jirriżulta li huwa kellu s-segwenti kundanni:

(i) sentenza mogħtija fl-erbatax (14) ta' Marzu 2019,[44] fejn ġie kkundannat sena priġunerija sospiżi għal tmintax (18) -il xahar u ma ġewx imposti l-ebda multi;

(ii) sentenza mogħtija fit-tnax (12) ta' Ottubru 2020 fejn Mustafa Omar ingħata ċanfira u twiddiba;[45]

(iii) sentenza tat-tmienja (8) ta' Ġunju 2023[46] fejn Mustafa Omar fejn ġie ikkundannat multa ta' ħames mitt ewro (€ 500).

L-unika sentenza li tista' tittieħed in kunsiderazzjoni għall-fini ta' riċediva hija biss dik tal-2019. Is-sentenza tat-tnax (12) ta' Ottubru 2020 tirreferi biss għall-kundanna ta' kontravvenzjoni u mhux delitt (u fi kwalunke każ l-artikolu 53 tal-Kap. 9 ma ġiex ċitat fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju) filwaqt li l-kundanna tal-2023 ingħatat wara li kien seħħ il-każ odjern.

[44] Fol. 149 – 179 tal-proċess.
[45] Fol. 480 – 481 tal-proċess.
[46] Fol. 482 – 484 tal-proċess.

Għalkemm fix-xhieda tagħha, Margaret Debattista spjegat li dawn is-sentenzi huma definittivi, il-Qorti għadha dubju dwar il-konnotati indikati fl-istess sentenzi. Dan għaliex fix-xhieda tagħha tal-ħamsa (5) ta' Ottubru 2023, l-Assistent Reġistratur Debattista indikat li n-numru tal-karta tal-identita 118543(A) ma kienx abbinat ma' isem l-akkużat Mustafa Omar Mohammed iżda ma' isem ieħor. Dak dikjarat joħloq inċertezza fis-sens li mhux ċar jekk effettivament l-ħati indikat bil-karta tal-identita 118543(A) fis-sentenza tal-2019 kienx effettivament l-akkużat Mustafa Omar Mohamed odjern jew inkella xi persuna oħra. In vista ta' dan in-nuqqas ta' kjarezza fil-konnotati, il-Prosekuzzjoni kellha tara li jiġi inġunt l-Uffiċjal Prosekutur f'dik il-kawża sabiex jikkonferma li l-ħati fl-2019 kien l-akkużat odjern Mustafa Omar Mohammed. Fin-nuqqas ta' din il-prova, hemm dubju dwar l-identita tal-ħati f'dawk il-proċeduri, liema dubju irid jmur a favur l-akkużat odjern. L-addebitu tar-riċediva sia dak kontemplat taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9 u sia dak kontemplat taħt l-artikolu 289(1) tal-Kap. 9 lanqas ma jista' jirriżulta fir-rigward tal-akkużat Mustafa Omar Mohammed.

## VI **<u>L-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap. 466 u l-Artikoli 28B u 28Ċ tal-Kap. 9 (Fil-Konfront tal-Akkużat Abduraouf Younis Mansur Altabib) (Il-Ħames u s-Sitt Imputazzjoni)</u>**

Finalment fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju, l-Avukat Ġenerali qiegħed jitlob li fir-rigward tal-akkużat Altabib il-Qorti titratta miegħu għall-ksur tal-ordni ta' probation kif wkoll li jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kap. 9 peress li l-każ odjern seħħ waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Dawn l-addebiti pero

jridu jiġu analizzati fid-dawl tal-fatt li l-akkużat Altabib sejjer jinstab ħati biss tar-reat kontravvenzjonali ravviżat fl-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9.

Għar-rigward il-ħames (5) imputazzjoni jirriżulta li bis-sentenza tat-tlettax (13) ta' Settembru 2021 huwa kien ingħata probation għal sentejn. Għalhekk bid-dikjarazzjoni ta' ħtija illum, ġie li a tenur tal-artikolu 23(1)(a) tal-Kap. 446, l-akkużat Altabib kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation impost fuqu minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr Joe Mifsud fit-tlettax (13) ta' Settembru 2021. Din il-Qorti għalhekk sejra titratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet.

Għar-rigward l-artikolu 28B tal-Kap. 9, din il-Qorti tqis li m'hemmx l-elementi stabbiliti mil-liġi sabiex is-sentenza sospiża ta' ħabs tidħol fis-seħħ. Dan għaliex ir-reat li tiegħu sejjer jinstab ħati l-akkużat Altabib illum huwa reat li għalih m'hemmx il-piena ta' priġunerija peress li huwa reat kontravvenzjonali.

Dan ifisser għalhekk li in kwantu jirrigwarda l-akkużat Altabib, il-Qorti filwaqt li sejra issib ħtija fil-ħames (5) imputazzjoni mhux sejra issib ħtija fis-sitt (6) imputazzjoni.

## D. Piena

### I. Abduraouf Younis Mansur Altabib

- **<u>Għar-rigward il-każ odjern</u>**, kif ġia speċifikat Altabib sejjer jinstab ħati biss tar-reat kontravvenzjonali stabbilit fl-artikolu 340(d) tal-Kap. 9. Il-Qorti tqis li ammenda ta' ħamsin ewro (€ 50) għandha tkun piena idoneja għar-reat li tiegħu l-akkużat sejjer jinstab ħati;

- **<u>Għar-rigward il-piena għall-ksur tal-ordni tal-probation,</u>** il-Qorti tqis li peress li r-reat magħmul matul il-perijodu ta' probation huwa reat kontravvenzjonali ma tapplikax ir-restrizzjoni indikata fl-artikolu 23(2) tal-Kap. 446 u per konsegwenza għalhekk huwa legalment possibbli li l-Qorti tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1) tal-Kap. 446. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, dan huwa dak li l-aktar jagħmel sens, anke tenut kont tal-fatt li b'rabta ma' dawn il-proċeduri l-akkużat Altabib ġia għamel numru ta' xhur taħt arrest preventiv.

## II. <u>Mohammed Mustafa Omar</u>

L-akkużat Mohammed Mustafa Omar sejjer jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni u ċioe dak tas-serq ikkwalifikat bil-lok, bil-vjolenza u bil-ħin iżda mhux bil-valur kif wkoll tar-reat kontravvenzjonali kontemplat fit-tieni (2) imputazzjoni. Wara li rat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti temmen li għandha tmur għal piena ta' priġunerija li m'għandhiex tkun fil-minimu tal-parametri stabbilit mil-liġi. Dan in vista li s-serq huwa kkwalifikat b'żewġ ċirkustanzi aggravanti minbarra dak tal-vjolenza. Madanakollu din il-piena ta' priġunerija sejra tkun sospiża a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta anke tenut kont wkoll tal-fatt li l-akkużat Mohammed Mustafa Omar ġia għamel numru ta' xhur miżmum taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ. Stante li t-tieni imputazzjoni hija reat kontravvenzjali, il-piena għal dan ir-reat sejra tiġi assorbita fil-piena li sejra

tingħata għall-ewwel imputazzjoni u dan a tenur ta' dak li jistipula l-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti sejra wkoll tagħmel ordni taħt l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 sabiex jitħallsu l-ispejjeż peritali li ġew inkorsi f'dawn il-proċeduri. Fil-komputazzjoni tal-ispejjeż li għandhom jiġu imħallsa, il-Qorti sejra tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li fil-każ kien hemm involut persuna oħra minbarra l-akkużati odjerni kif wkoll l-utilita tal-ispejjeż inkorsi sabiex ġiet pronunzjata l-ħtija.

**E. <u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat Abduraouf Younis Mansur Altabib ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni</u>** u qiegħda għalhekk tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat **<u>Abduraouf Younis Mansur Altabib ħati tat-tieni (2) imputazzjoni</u>** u qiegħda tikkundannah għall-ammenda ta' ħamsin ewro (€ 50);

(c) wara li rat l l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat **<u>Abduraouf Younis Mansur Altabib ħati tal-ħames (5) imputazzjoni.</u>**

Wara li reġgħet rat l-artikoli 49, 50, 221, 222, u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed titratta mal-ħati dwar l-ewwel (1), it-tielet (3) u

s-sitt (6) imputazzjonijiet li dwarhom instab ħati fis-sentenza tat-tlettax (13) ta' Settembru 2021 u ingħata l-ordni ta' probation, u dan daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn din il-Qorti u konsegwentement qed tikkonferma s-sejbien ta' ħtija kif jirriżulta minn dik l-imsemmija sentenza.

Wara li rat l-artikolu 22(1) u 23(3) tal-Kap. 446 il-Qorti qed tillibera lill-ħati **<u>Abduraouf Younis Mansur Altabib</u>** bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor **<u>fi żmien sentejn (2) mil-lum</u>**.

A tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jinftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom kien instab ħati bis-sentenza tat-tlettax (13) ta' Settembru 2021.

(d) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat Mohamed Omar Mustafa ħati tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni</u>** u qiegħda tilliberah minnhom;

(e) wara li rat l-artikoli 17, 261(a)(e)(f), 262, 269(g), 270, 276, 277(a) u 340(d) tal-Kapitolu 9 qiegħda issib lill-akkużat **<u>Mohamed Omar Mustafa ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni fis-sens biss li huwa ikkommetta r-reat tas-serq ikkwalifikat bil-lok, bil-vjolenza u bil-ħin iżda mhux bil-valur</u>** u **<u>ħati tat-tieni (2) imputazzjoni</u>** u qiegħda tikkundannah **<u>għal sena priġunerija, liema perijodu ta' priġunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) mil-lum.</u>**

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati Mohamed Omar Mustafa bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Wara li rat wkoll l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna wkoll lill-ħati Mohamed Omar Mustafa sabiex iħallas lil Terence William Zammit l-ammont ta' mitt ewro (€ 100) li huwa l-valur tal-mobile misruq minnu u dan mhux aktar tard minn xahar mil-lum. Din l-ordni ta' ħlas għandha titqies bħala titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħal li kieku kienet ordni mogħtija minn Qorti Ċivili kompetenti.

Fit-termini tal-artikolu 28H(8) tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti spjegat lill-ħati Mohamed Omar Mustafa xfi kliem sempliċi bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa ma jħallasx il-ħsarat lill-vittma Terence William Zammit hekk kif ordnat f'din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħatja **Abduraouf Younis Mansur Altabib** u lil **Mohamed Omar Mustafa** **sabiex kull wieħed minnhom iħallas l-ammont ta' mija u ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€ 101.38)** rappreżentanti sehemhom mill-ispejjeż peritali inkorsi[47] f'dawn il-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

[47] Jonathan Mizzi - € 304.13 (Fol. 316 tal-proċess). Il-ħatja qegħdin jiġu ordnati jħallsu terz kull wieħed ta' dawn l-ispejjeż peress li b'kollox kien hemm tlett (3) persuni involuti fil-każ (€ 304.13/3 = € 101.38). Għar-rigward l-

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Terence William Zammit kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħatja **Abduraouf Younis Mansur Altabib** u lil **Mohamed Omar Mustafa** taħt obbligazzjoni tagħhom infushom għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' elf ewro (€ 1,000) kull wieħed minnhom.

**Dr Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Reġistratur**

---

ispejjez tal-espert Joseph Mallia, il-Qorti mhux sejra tordna l-ħlas tagħhom peress li dawn ma kienu tal-ebda utilita għal dawn il-proċeduri.